**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (45)

Wieħed mill-qaddiefa leġġendarji Sengleani li storikament huwa marbut mal-club tar-Regatta ta' din il-belt marittima, u li ismu u l-laqam tiegħu għandu jidwi fost id-dilettanti u l-partitarji ta' dan il-lokal, li ta' kull sena jinġabru l-Ponta u fuq is-swar tal-Gardjola biex jissapportjaw lill-benjamini tagħhom f'kull tiġrija tar-Regatta Nazzjonali huwa Toni Farrugia (iż-Żbiba).

Lil Toni jien niftakru fl-aqwa tiegħu f'nofs is-snin 50, kemm il-Ponta jew inkella fuq id-dgħajsa tiegħu qrib HMS Surprise.

Kien raġel umli, magħruf għas-saħħa tiegħu, maħbub minn sħabu l-barklori u ħabib ta' kulħadd! Lil Toni kont inkellmu spiss, l-aktar fuq it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra meta hu u sħabu kienu rebħu darbtejn wara xulxin il-palju tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa.

Toni kien barklor u qaddief prominenti ħafna fid-dgħajjes tal-Isla, kemm jekk issemmi ta' bi Tnejn, tal-Midalji jew ta' bl-Erbgħa.

Sfortunatament lil Toni wkoll ma kontx għamiltlu intervista formali, iżda kif aċċennajt qabel, fuq ir-Regatta kellimtu bosta drabi, u f'din il-kitba dwaru, se nipprova nislet xi punti interessanti li kont ħadt nota tagħhom, u li issa se ngħaddihom lilkom f'forma ta' intervista:

Meta miet jien kont ktibt apprezzament dwaru fil-ġurnal *l-orizzont* kif fil-fatt għamilt dwar xi wħud mill-personaġġi oħra li taw is-sehem tagħhom fir-Regatta Nazzjonali.

*Ton se nieħdok lura fiż-żmien ... tiftakar meta bdejt taqdef ma' l-Isla?*

"Jien illum xjaħt, iżda għadni niftakar tajjeb kemm l-Isla kellha qaddiefa tajba qabel il-gwerra, kollha barklori bħali, u kemm dawn kienu jħobbu lil pajjiżhom.

"Bdejt naqdef fl-1927 u rtirajt fl-1966. Bdejt bħala membru tal-ekwipaġġ magħżul għall-korsa tal-Kajjikki t-Twal u wara komplejt fil-Ferilli.

"Bejn l-1935 u l-1938, jien qdift ma' diversi qaddiefa oħra fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa , fejn irbaħna darbtejn il-palju tat-tieni u fl-1937 il-palju tal-ewwel ... fl-1938 l-Isla reġgħet rebħet dan il-palju iżda jien ma kontx membru tal-ekwipaġġ rebbieħ ... fl-1939 faqqgħet il-gwerra u r-Regatta ma saritx .... niftakar ukoll xi qaddiefa li ħadu sehem kemm qabel kif ukoll wara l-gwerra, bħal Salvu Formosa l-Pasalv - kemm il-missier u ibnu li kien jismu bħalu, Ġużeppi Formosa (in-Niger), Ġorġ Caruana l-Bubbli John – dan kellu lil missieru jaqdef ukoll mal-Isla, Lorry Caruana (ta' Karnivala), Leli Micallef (Nanna Klara), Nenu Aguis (tal-Manager) u ħafna oħrajn li nsejt isimhom ...

*Wara l-Gwerra int erġajt sibt postok fid-dgħajjes tal-Isla, u erġajt qdift ma' sħabek li kont ġerrejt magħhom 13-il sena qabel ... sewwa qed ngħid?*

"Ma' xi wħud minnhom, għax wara l-gwerra l-Isla kellha taħlita ta' qaddiefa – xi wħud minnhom, bħali qadfu qabel il-gwerra - oħrajn kienu ġodda, iżda kollha kienu barklori.

"Fi żmieni ma kienx hemm dilettanti ... il-qaddiefa kollha kienu jkunu barklori u mill-pajjiż. Wara l-gwerra bl-inizjattiva ta' Ġużeppi Formosa (In-Niger), Kieli Degiorgio (Favett), Ġustu Cachia (Battajola), Ġużeppi Formosa (is-Suss) u oħrajn armajna u bdejna nieħdu sehem f'kull korsa.

"Jien qdift fid-dgħajjes tal-Midalji, ta' bi Tnejn u ta' Bl-Erbgħa, iżda kif taf, l-aktar korsa għal qalbi kienet dik ta' bi Tnejn ..."

*Għaliex Ton ... mhux fit-tliet kategoriji ksibt suċċess?*

"Għax dan il-palju rbaħtu tliet darbiet, fl-1954 ma' Leli Barbara, fl-1961 ma' Freddie Fiteni (Sapuna) u fl-1962 ma' Louis Mallia.

"L-akbar rival tiegħi f'din il-korsa kien Toni Ellul (il-Koj) li dak iż-żmien kien jaqdef f'isem Raħal Ġdid, iżda wara mar ma' distretti oħra fosthom il-Marsa u l-Kalkara.

"Iżda jekk fil-kanal konna rivali kbar, hekk kif kienet tispiċċa t-tiġrija konna rġiel biżżejjed biex nieħdu b'idejn xulxin, u dik il-pika li kienet tiġġenera ruħha matul il-provi u waqt il-korsa kienet tisfuma fix-xejn ... kien hemm żmien meta din il-korsa kienet saret popolari daqs dik ta' bl-Erbgħa."



Toni Farrugia "iż-Żbiba"

*Peress li inti u sħabek kontu barklori u xogħlkom kien bid-dgħajsa , fi x'ħin kontu tittrenjaw?*

"Konna nippruvaw insibu ħin li jaqbel miegħu kulħadd ... dejjem żammejnieh ... jien ma kontx inħabbel rasi ħafna għax lili kienu jsibuni l-ħin kollu, iżda minn fostna kellu familja, vjaġġ baħrin ma kienx jitilfu u ma kontx nagħtih tort.

"Mhux l-ekwipaġġi kollha kienu jibdew it-taħriġ tagħhom fl-istess ġurnata, min wara San Lawrenz u min aktar tard.

"Aħna normalment konna nibdew l-għada tal-festa ta' San Lawrenz – jekk jaħbat is-Sibt allura konna nibdew it-Tnejn, u nagħmlu madwar siegħa taħriġ kuljum.

"Peress li l-Ponta kienet tkun mimlija partitarji aħna konna ħadna drawwa li nagħtu qadfa mill-Floating Dock sal-Ponta ... ġieli tajna tnejn ukoll, imbagħad konna mmorru nieħdu triq ... f'Settembru ġieli ħadniha darbtejn ukoll, imbagħad nagħtu l-aħħar qadfa mid-Dwana sal-Ponta"

*Kienet tidher jew tinħass xi speċi ta' rivalitá bejniethom waqt il-provi ... meta żewġ dgħajjes kienu jinzertaw flimkien fit-tluq, kien hemm xi ftehim bejnietkom biex waħda titlaq wara l-oħra u b'hekk ma tfixklux lil xulxin?*

" Le, le ... ma kienx hemm rivalitá bejnietna ... konna nsellmu lil xulxin, u kulħadd jieħu t-triq bil-ħin tiegħu ... fi żmieni ma kinux jitilqu żewġ dgħajjes flimkien, u lanqas kien hemm xi sinjal minn fejn jitilqu d-dgħajjes – kulħadd jitlaq minn fejn jidhirlu hu - l-aktar minħabba l-irrekordjar tal-ħin.

"Normalment, meta jkun hemm aktar minn dgħajsa waħda tal-istess kategorija, it-tieni dgħajsa kienet titlaq hekk kif l-oħra taqbeż terz il-korsa, u mhux l-ewwel li jħalluha jtemm il-korsa.

"Mhux l-ewwel darba li dgħajsa tal-Midalji, li kif taf hi ħafifa ħafna ħdejn dgħajsa tal-Pass, tilħaq dgħajsa ta' bi Tnejn fid-dħul, u għalhekk fl-aħħar mitt metru jew ftit inqas ikollok żewġ dgħajjes fil-kanal qegħdin jieħu t-triq .

"Ġieli fil-kanal kien tliet opri jieħdu t-triq - Frejgatina, Kajjikk u dgħajsa ta' bi Tnejn telgħin flimkien.

"Dan hu s-sabiħ ta' dawn il-provi, u n-nies kienet tagħmel għalihom u jdumu jsegwuhom sa tard filgħaxija - aħna normalment konna nieħdu t-triq meta jkun qed jidlam."

*U issa kif qed tgħaddiha Ton ... għadek isegwi l-provi u t-tiġrija?*

"Iva. Għadni nsegwi kemm il-provi kif ukoll ir-Regatta.

"Illum jien sempliċi spettatur ... kultant ninżel f'xi dgħajsa u nagħti żewġ qadfiet ... ħasra li t-tiġrija llum m'għadhiex tiġbed dawk l-eluf ta' nies li kienet tiġbed fl-imgħoddi.

"Illum in-nies naqset ħafna, u ma nafx x'jista' jsir biex terġa' tieħu r-ruħ. Niftakar qabel il-gwerra u warajha, hawn il-Ponta, il-Gardjola, ix-Xatt tal-Furjana sad-dwana, u s-swar kienu jkunu mimlijin bin-nies.

"Illum tara ftit nies il-Ponta u d-dwana ... mill-bqija xejn, spiċċa l-briju u l-entużjażmu li kienu jġibu magħhom il-provi u r-Regatta ... jiddispjaċini ngħid li jekk ma jsirx xi ħaġa biex jagħtiha ħajja mill-ġdid, ir-Regatta se tmut mewta naturali u mat-tmiem tagħha se jintesa kollox.

*Nota*: Meta miet Toni kont ktibt apprezzament bħala l-aħħar tislima lil dan il-qaddief leġġendarju Senglean. Nagħlaq din il-kitba dwaru, b'silta qasira minn dan l-apprezzamet:

"F'għajnejn il-partitarji Sengleani li bejn l-1951 u l-1966 kienu jsegwu dawn it-tiġrijiet tradizzjonali tad-dgħajjes - Toni ż-Żbiba kien meqjus bħala l-eroj tagħhom ..."